MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 5/2009/1

**Norman Lowell**

**v.**

**1. Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja,**
**2. Direttur Qrati Civili u Tribunali,**
**3. Direttur Qrati u Tribunali Kriminali,**
**4. Avukat Generali tar-Repubblika,**
**5. Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja u Affarijiet Interni;**
**6. Onorevoli Prim Ministru bhala Kap tal-Gvern ta' Malta.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza ta' Norman Lowell minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, fis-27 ta' April 2009 li laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimati u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.

Sentenza tal-ewwel Qorti

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti iccitat diversi sentenzi li din il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju hemm bzonn li ssir referenza ghalihom, u immotivat is-sentenza taghha hekk:

"Illi kif jidher ir-rikorrent qed jitlob illi din il-Qorti tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi fuq pregudizzjali sollevat mill-Avukat Generali iddikjarat null l-appell tieghu mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kisret id-drittijiet fundamentali tieghu protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea relattiva. Il-Qorti tal-Appell imsemmija ddecidiet li r-rikors tal-appell kien null ghaliex naqas li jindika l-fatti tal-kaz kif jirrikjedi l-Kodici Kriminali. Ma hemmx ghalfejn jinghad li l-Qorti imxiet fuq diversi sentenzi ohra taghha stess li jmorru lura hafna snin.

Wiehed jifhem allura (ghaliex *stante* l-voluminosita` tar-rikors wiehed irid jgharbel sew biex isib il-lanjanzi attwali) li l-kawzali tar-rikorrenti naturalment hija li fic-cirkostanzi huwa gie privat mill-hekk imsejjah *doppio esame* ghaliex naturalment meta jigri hekk il-Qorti ma tidholx fil-mertu tal-appell. Allura jargumenta r-rikorrent li huwa gie privat mir-rikors (fis-sens ta' access) ghall-Qorti (f'dan il-kaz tal-appell). Ir-rikorrent qed jaghmel ukoll talbiet ohra li pero` jsegwu t-talba principali ossija li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell minhabba f'dak li gia` ssemma ghandha tigi dikjarata bla effett".

L-ewwel Qorti mbaghad ikkonkludiet li:

"Fil-kaz in ezami ghalhekk, la darba skont il-Qorti tal-Appell ir-rikors kien null, ir-rikorrent ma jistax jilmenta li

dan il-fatt kisirlu xi dritt fundamentali u ezami ulterjuri ta' jekk ir-rikors kienx null jew le ikun certament jikkostitwixxi appell minn appell kif donnu qed jitlob ir-rikorrent, xi haga li l-ligi taghna imkien ma tipprovdi".

Rikors tal-appell ta' Norman Lowell

Ir-rikorrent Norman Lowell hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-ewwel Qorti u interpona appell minnha b'ghaxar aggravji u ghaxar talbiet li pero` fost dawn it-talbiet hu ma talabx specifikatament ir-riforma jew ir-revoka tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

Fit-2 ta' Novembru 2009 din il-Qorti[1] kienet gibdet l-attenzjoni tar-rikorrent u tad-difensur tieghu ghal dan in-nuqqas kif ukoll ghal fatt li r-rikors tal-appell gie pprezentat 'Fil-Qorti tal-Appell Civili (Sede Kostituzzjonali)' meta fil-fatt din il-Qorti ma tezistix u hija 'Qorti Kostituzzjonali'[2]. Ir-rikorrent inghata zmien biex jirregola ruhu u fit-30 ta' Novembru pprezenta rikors fejn talab korrezzjoni li gie milqugh[3] u inoltre r-rikorrent indika fejn, skont hu, kienet it-talba ghar-revoka tas-sentenza. B'verbal tat-2 ta' Dicembru 2009 l-Qorti awtorizzat lir-rikorrent biex jissostitwixxi l-paragrafi 29 sa 30 tar-rikors tal-appell b'talba semplici u cara ta' paragrafu wiehed fejn jigi specifikatament indikat jekk hu qed jitlob ir-revoka jew ir-riforma tas-sentenza appellata u f'kaz li qed tintalab riforma, kif is-sentenza ghandha tigi riformata. B'rikors tat-22 ta' Dicembru 2009 ir-rikorrent irregola ruhu kif ordnat u l-Qorti fil-verbal iehor tal-ewwel ta' Frar ivverbalizzat li fehmet li t-talba fir-rikors tal-appell hija li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u takkolji t-talbiet kif migjuba fir-rikors promotorju[4].

Fil-kaz in ezami billi r-rikors tal-appell tal-appellant huwa redatt b'mod konfuzjonarju, fit-tul u b'hafna ripetizzjonijiet inutili l-Qorti se tirreferi b'mod konciz ghall-aggravju principali tal-appellanti li jirrigwarda l-mod kif il-Qorti tal-

[1] Diversament komposta.
[2] Ara pregudizzjal tal-appellati fir-risposta taghhom a fol. 535.
[3] Ara verbal tat-2 ta' Dicembru 2009.
[4] Ara fol. 558.

Appell Kriminali interpretat il-frazi 'Fatti fil-Qosor' li hu wiehed mir-rekwiziti ghall-validita` ta' rikors ta' appell a tenur tal-Artikolu 419(1)(a) tal-Kap. 9. L-appellant jissottometti li bl-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali hu tilef l-appell fuq teknikalita` legali u b'hekk l-appell tieghu fil-mertu ma giex deciz u inoltre gie pprivat mill-beneficcju tad-*doppio esame*. B'hekk, skont l-appellant, id-dritt fundamentali tieghu ghall-access ghall-Qorti gie lez.

Risposta tal-intimati appellati.

L-aggravji u t-talbiet relattivi tal-appellant gew kollha kkontestati mill-appellati fir-risposta taghhom ghall-appell u ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Huma sahqu li t-talbiet tal-appellant m'humiex redatti sewwa u filwaqt li l-maggor parti taghhom m'humiex hlief repetizzjoni tal-paragrafi precedenti, bhat-talba (g) hija inkoncepibbli li ssir minn din il-Qorti.

Fatti mertu tal-kawza

Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn opportun illi taghti fil-qosor l-*iter* li wassal ghall-appell in ezami.

L-appellant kien gie akkuzat b'diversi imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontrih talli b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi:

"(1) Fir-Rabat Malta, nhar it-3 ta' April 2006, uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xort'ohra gab ruhu b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk **iqajjem mibeghda razzjali** jew b'hekk johloq il-probabbilita` li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali;

“(2) Fil-Qawra limiti ta’ San Pawl il-Bahar, nhar-it 8 ta’ Mejju 2006 uza kliem jew imgieba ta’ theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xort’ohra gab ruhu b’dan il-mod bil-hsieb li b’hekk iqajjem mibeghda razzjali jew b’hekk johloq il-probabbilita` li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali;

“(3) Bejn Dicembru 2003 u s-27 ta’ Marzu 2006 permezz ta’ artikolu bit-titolu ‘Coming Cataclysmic Crisis’ uza kliem jew imgieba ta’ theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xort’ohra gab ruhu b’dan il-mod bil-hsieb li b’hekk iqajjem mibeghda razzjali jew b’hekk johloq il-probabbilita` li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali;

“(4) Fil-Qawra limiti ta’ San Pawl il-Bahar, nhar-it 8 ta’ Mejju 2006 **uza kliem, ghemil jew gesti li jingurjaw, jew jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta’ Malta.**”

B’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta’ Marzu 2008 hu nstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u gie kkundannat ghall-piena karcerarja ta’ sentejn sospizi ghal erba’ snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 u hlas ta’ multa ta’ €500 oltre l-ispejjez tal-kawza.

Sar appell minn dik is-sentenza, u b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta’ Ottubru 2008, l-appell gie dikjarat null u s-sentenza appellata konfermata.

In segwitu ghal dik is-sentenza r-rikorrent ipprezenta l-kawza kostituzzjonali odjerna li minnha sar dan l-appell.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

<u>Aggravji tal-appellant</u>

L-appellant ressaq ghaxar aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata tal-ewwel Qorti.

<u>L-ewwel aggravju</u>

L-appellant jissottometti li fir-rikors kostituzzjonali tieghu huwa qatt ma talab li l-ewwel Qorti taghmilha ta’ Qorti ta’ Appell fuq il-Qorti tal-Appell Kriminali imma kien talab li l-ewwel Qorti tezamina l-atti processwali tal-kawza kriminali biex tiddikjara jekk effettivament l-appellant issodisfax ir-rekwiziti tal-ligi kif jirrizulta mill-Artikolu 419(1)(a) tal-Kap. 9.

L-appellati wiegbu li ladarba jirrizulta li l-Qorti tal-Appell Kriminali segwiet u applikat id-dispost tal-ligi, hija kienet proceduralment korretta u ladarba l-Artikolu 419 tal-Kap. 9 huwa artikolu li ma jcahhadx mid-dritt ta’ access ghall-Qorti lill-appellant, l-ewwel Qorti bilfors kellha tiddeciedi bil-mod kif iddecidiet.  Jghidu li l-Qorti ta’ Strasbourg ma tidholx f’kwistjonijiet dwar kif il-Qorti domestika tiddeciedi favur naha jew ohra, ghax altrimenti tkun qed tagixxi bhala Qorti tat-tielet jew raba’ istanza.

Din il-Qorti tirrileva li ghalkemm fir-rikors promotur quddiem l-ewwel Qorti r-rikorrent espressament ma ghamel ebda talba biex l-ewwel Qorti taghmilha ta’ Qorti ta’ Appell fuq il-Qorti tal-Appell Kriminali izda anke mill-istess aggravju jidher li jekk l-appellant irid li l-ewwel Qorti tiddikjara jekk effettivament hu ssodisfax ir-rekwiziti tal-ligi skont l-Artikolu 419(1)(a) tal-Kap. 9, hu fil-fatt ikun irid li l-Prim’ Awla tagixxi bhala Qorti tal-Appell fuq Qorti ohra. Dan kien proprjament dak li ecceppew l-intimati meta wiegbu ghar-rikors promotur fejn qalu li l-appell huwa frivolu u vessatorju u li ma huwa xejn ghajr appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza **J.Bellizzi et v. Awtorita` Marittrima et** App. Nru: 31/01 tas-27 ta’ Frar 2009, “Mhux funzjoni tal-Prim’ Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u “konvenzjonali” taghha, u ta’ din il-Qorti li jirrevedu allegati zbalji ta’ xi Qorti ohra.  Din il-Qorti ghandha l-kompitu li tezamina u tiddeciedi jekk proceduri li zvolgew quddiem Qorti ohra setghux jivvjolaw xi dritt fundamentali”.  Hija biss din il-funzjoni li din il-Qorti sejra tezercita f’dan il-kaz u xejn aktar.

<u>It-tieni aggravju u t-tielet aggravju</u>

Fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li ladarba l-ewwel Qorti ma dahlitx fis-sitta u tletin talba maghmula minnu, u lanqas ikkonkludiet dwar it-tifsira tal-frazi ‘Fatti fil-Qosor’, ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi jekk effettivament id-drittijiet tar-rikorrent gewx vjolati jew le.

Skont l-appellant it-tielet aggravju huwa abbinat ma’ (1) u (2) aggravju. Hu jerga’ jissottometti li la darba l-ewwel Qorti ma ezaminatx l-atti processwali tal-kawza kriminali kontra tieghu, ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni jekk gewx miksura d-drittijiet tieghu.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-asserzjoni tal-appellant li l-ewwel Qorti ma dahlitx fis-**36** talba tieghu, ma ezaminatx l-atti processwali tal-kawza kriminali u ma kkonkludiet xejn dwar it-tifsira tal-frazi ‘Fatti fil-Qosor’ huma kollha asserzjonijiet gratuwiti li bhala tali ma jistghux jigu kunsidrati minn din il-Qorti.

Ir-raba’ aggravju

L-appellant jilmenta li jekk l-ewwel Qorti kellha xi dubbju, hi setghet taghmel referenza preliminari abbazi tal-artikolu 234 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel Qorti ma kellha quddiemha ebda kwistjoni li b’xi mod tittratta dwar xi punt ta’ ligi kommunitarja u allura zgur li ma kienx il-kaz li l-ewwel Qorti (jew din il-Qorti) taghmel referenza preliminari lill-**Qorti tal-Gustizzja fil-Lussumburgu** biex tara *jekk l-appellant kienx ta l-Fatti fil-Qosor*.

Dan l-aggravju qed jigi michud bhala wiehed frivolu.

Il-hames aggravju

Fil-hames aggravju l-appellant qed jissottometti li qisu l-ewwel Qorti hadet zball meta kkonkludiet li ma kellhiex taghmilha ta’ qorti ta’ appell fuq il-Qorti tal-Appell Kriminali u b’hekk ma dahlitx fil-mertu dwar jekk gewx miksura jew le d-drittijiet fundamentali tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal dwar dan il-punt fl- aggravju precedenti minn fejn jirrizulta li l-ewwel Qorti ma hadet l-ebda zball. Lanqas ma jirrizulta dak li qed jissottometti l-appellant li l-ewwel Qorti ma ezaminatx jekk gewx miksura jew le d-drittijiet fundamentali tieghu. Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fejn irriferiet ghall-gurisprudenza nostrali u anke dik tal-Qorti ta' Strasbourg li ezaminaw meta jigi lez id-dritt fundamentali minhabba nuqqas ta' access ghall-qorti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li l-ewwel Qorti qablet maghhom.

Is-sitt aggravju

Is-sitt aggravju proprjament ma huwa aggravju xejn izda hu biss talba – li se tigi kkunsidrata aktar 'il quddiem meta l-Qorti tezamina l-aggravju ewlieni f'dan l-appell.

Is-seba' aggravju

Dan l-aggravju huwa ripetizzjoni tad-diversi aggravji ohra li gew ezaminati diga` minn din il-Qorti u fejn l-appellant irrepeta t-talba biex din il-Qorti tindirizza s-sitta u tletin talba mressqa minnu quddiem l-ewwel Qorti.

L-istess jista' jinghad dwar it-tmien aggravju fejn l-appellant jerga' jirrepeti li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-mertu tar-rikors kostituzzjonali, li l-fatti fil-qosor kienu jirrzultaw mill-atti processwali, u li l-appell tieghu gie dikjarat null sempliciment fuq interpretazzjoni inkorretta tal-frazi, 'Fatti fil-Qosor'.

Id-disa' aggravju huwa, skont l-appellant, abbinat mat-tmien aggravju, fis-sens li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla billi hija decizjoni li tmur il barra min dak li gie mitlub minnha mill-istess appellant.

Dan l-aggravju se jigi ttrattat aktar 'il quddiem meta din il-Qorti tiddeciedi dwar il-mertu ta' dan l-appell.

L-ghaxar aggravju tal-appellant huwa li m'ghandux jigi obbligat li jhallas ebda spejjez minhabba n-nuqqasijiet fis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali).

Fuq dan l-aggravju l-Qorti wkoll ser tipprovdi fid-decizjoni taghha.

Tikkunsdira

Illi kif gja` gie ndikat aktar 'il fuq l-ilment ewlieni tal-appellant huwa dwar il-mod kif l-Qorti tal-Appell Kriminali interpretat il-frazi 'Fatti fil-Qosor' li hu wiehed mir-rekwiziti ghall-validita` ta' rikors ta' appell a tenur tal-Artikolu 419(1)(a) tal-Kap. 9. L-appellant jissottometti li bl-interpretazzjoni li tat l-Qorti tal-Appell Kriminali hu tilef l-appell fuq teknikalita` legali u b'hekk l-appell tieghu fil-mertu ma giex deciz u inoltre gie pprivat mill-beneficcju tad-*doppio esame*. Minhabba f'hekk id-dritt fundamentali tieghu ghall-access ghall-qorti gie lez. L-appellant ikompli li l-ewwel Qorti (Prim' Awla Sede Kostituzzjonali) ma dahlitx fil-mertu tal-lanzjanzi kostituzzjonali tieghu kontenuti fis-sitta u tletin talba.

Il-funzjoni ta' din il-Qorti, kif gja` ntqal, huwa li tezamina u tiddeciedi jekk il-proceduri li zvolgew quddiem Qorti tal-Appell Kriminali vvjolawx xi dritt fundamentali tal-appellant.

L-appellant jissottometti li meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat l-appell tieghu bhala irritu u null, ghax ma kienx espona l-fatti fil-qosor, hija kisritlu d-dritt fundamentali tieghu ghall-access ghall-Qorti skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Din il-Qorti ezaminat is-sitta u tletin talba tal-appellant fir-rikors promotur tieghu u ssib li l-lanjanza principali tieghu taqa' taht dak li jipprovvdi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Dwar it-talbiet l-ohra, li hafna minnhom huma ripetizzjoni tal-istess talbiet, din il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 2 tal-

Konvenzjoni (Kap. 319) huwa biss definizzjoni; l-Artikoli 17, 18 u 32 huma biss deklarattivi u mhux enforzabbili. L-Artikolu 7 mhux applikabbili f'dan il-kaz ghax hawn m'ghandniex kwistjoni ta' piena minghajr ligi; dwar l-Artikoli 1 sa 5 tas-7 Protokoll ma gie ndikat bl-ebda mod fir-rikors liema u kif gew lezi dawn id-drittijiet fundamentali; l-istess jinghad dwar l-ewwel, ir-raba' u s-sitt Protokoll. Kwantu ghal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, l-Qorti tal-Appell Kriminali ma ghamlet ebda referenza billi la intalbet li taghmel dik ir-referenza u wisq anqas hasset li kien hemm xi dubbju dwar l-interpretazzjoni tal-frazi 'Fatti fil-Qosor'. Dwar it-talba ghal referenza lill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja a bazi tal-Artikolu 234 tat-Trattat, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellha ebda kwistjoni quddiemha dwar xi punt ta' ligi tal-Unjoni Ewropea. Dwar it-talba biex il-kaz jinstema' b'mod urgenti minhabba li l-appellant ried jikkontesta bhala kanditat ghall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, din it-talba llum tinsab ezawrita minhabba t-trapass taz-zmien. Fl-ahharnett dwar ir-rimedju mitlub taht l-Artikolu 4 (A)(2) tal-Kap. 319 u l-Artikolu 3 tas-7 Protokoll rigwardanti kumpens ghal 'wrongful conviction', din it-talba hija intempestiva f'dan l-istadju tal-proceduri.

Tikkunsidra

Quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali l-Avukat Generali kien eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell ta' Norman Lowell a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 419(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Dan jipprovdi li:

"**419(1): Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, <u>taht piena ta' nullita</u>` -**

**(a) <u>il-fatti fil-qosor</u>;**
**(b) ir-ragunijiet tal-appell;**
**(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.**"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet dwar in-nullita` tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-

qosor fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kopjuza[5] fir-rigward u emfazzizat ghaliex ma setghetx tiddipartixxi minn dik ir-regola billi ghamlet referenza ghas-sentenza deciza fil-25 ta' Awissu 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Cauchi et** fejn intqal:

"Din il-Qorti, pero`, ma tistax iggebbed il-ligi b'tali mod li tispicca tmur kontriha u kontra kif l-istess ligi giet kostantement interpretata. Il-legislatur ikkommina n-nullita` fil-kaz ta' karenza tal-fatti fil-qosor, tar-ragunijiet tal-appell u tat-talba ghax dawn il-htigijiet huma essenzjali biex jiddelineaw il-konfini tad-dibattitu u jistradaw mill-ewwel fuq il-binarji korretti il-kawza fl-appell".

Bir-regola li jridu jigu indikati l-fatt fil-qosor taht piena ta' nullita`, il-Qorti fehmet li:

"Bil-fatti fil-qosor wiehed jifhem il-fatti saljenti tal-kaz, esposti b'mod car izda konciz, u b'tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistghu mal-ewwel jaqbdu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk dawn il-fatti jkunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom (ara **Il-Pulizija v. Emmanuel Bonnici** App. Krim. 5/10/1990) jew jekk ikunu maghguna mal-aggravji. Bhalma l-indikazzjoni tal-aggravji ma tistax issir b'semplici referenza ghall-fatti (**Il-Pulizija v. Arthur Gatt** App. Krim. 6/9/1982), hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji, liema aggravji jistghu jkunu kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' dritt, sostantiv jew procedurali.' "(ara wkoll **Il-Pulizija v. Cornelius M. Scifo Diamantino** App. Krim. 5/3/1992 u **Il-Pulizija v. Joseph Said** App. Krim. 25/7/1994)."

Ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat l-appell null ghax l-appellant ma kienx espona l-fatti tal-kaz imma semplicement irrepeta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

[5] Ara sentenzi li l-Qorti tal-Appell Kriminali taghmel referenza ghalihom a fol. 66 tal-process.

Illi dwar il-lanjanza tal-appellant fir-rikors kostituzzjonali tieghu dwar in-nuqqas ta’ access ghall-Qorti billi l-appell tieghu gie dikjarat null fuq teknikalita` legali, din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet, **Richard sive Rachela Spiteri u Natal Bonello v. L-Avukat Generali:**
“Furthermore, the “right to a court”, of which the right of access is one aspect, is not absolute; it is subject to limitations permitted by implication, in particular where the conditions of admissibility of an appeal are concerned, since by its very nature it calls for regulation by the State, which enjoys a certain margin of appreciation in this regard (see *García Manibardo v. Spain*, no. 38695/97, § 36, ECHR 2000-II, and *Mortier v. France*, no. 42195/98, § 33, 31 July 2001). Nonetheless, the limitations applied must not restrict or reduce the individual's access in such a way or to such an extent as to impair the very essence of the right. Furthermore, limitations will only be compatible with Article 6 § 1 if they pursue a legitimate aim and there is a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued.” (see *Guérin v. France*, judgment of 29 July 1998, *Reports* 1998-V, p. 1867, § 37).”

Illi fir-rikors tal-appell odjern l-appellant isostni li l-fatti fil-qosor kienu effettivament qeghdin fir-rikors tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-parti indikata bhala “Il-Fatti fil-Qosor” (ara fol. 537). Il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li fil-fatt hemmhekk kien hemm biss riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet li kienu gew dedotti kontra l-appellant u mhux il-fatti fil-qosor kif trid il-ligi. L-appellant pero` jinsisti li l-imputazzjonijiet kienu fihom infushom il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza.

Din il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm teknikament l-appellant ma mexiex skont id-dettami tal-ligi, billi fil-fatt huwa ma ndikax il-fatti kif suppost u lanqas fil-qosor, izda l-istess fatti jirrizulta li kienu ampjament imxerrdin l’hawn u l’hinn fir-rikors tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (ara per ezempju ‘ Raguni’ tal-appell numri 6, 7 u 8) kif ukoll fil-parametri tal-atti processwali kollha fil-kawza kriminali kontra l-appellant.

Kif gie rilevat fis-sentenza **R.Spiteri v. Avukat Generali** fuq riferita d-dispozizzjoni dwar l-Artikolu 419 giet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900 meta l-kompetenza tal-Qorti Kriminali bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li kellhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija u meta l-konnoxxenza tad-drittijiet tal-Bniedem kif nafuha llum kienet ghadha lanqas biss twieldet. Illi l-ispirtu wara dak l-artikolu kien li meta jsir appell minn sentenza moghtija minn Qorti tal-Magistrati ta' Gudikatura Kriminali, liema procedura hija wahda sommarja, u fejn ix-xiehda ma tigix traskritta, kien impellenti li fir-rikors tal-appell jitnizzlu l-fatti li fuqhom instabet il-htija *o meno*, biex il-Qorti tal-Appell tkun edotta dwar il-kaz u fuq hiex kien jittratta biex tkun tista' tistradah. Fil-kaz odjern, apparti dak li nghad dwar il-fatti fir-rikors tal-appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li kien fiha 117-il pagna fejn hemm riportati wkoll l-fatti kollha u kulma sar quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz ghandu jipprevali l-ispirtu tal-ligi aktar milli t-teknikalita` legali taghha billi jidher li l-fatti b'xi mod jew iehor kienu jirrizultaw mill-atti. Altrimenti minhabba din it-teknikalita` r-rikorrenti se jigi mcahhad mid-dritt li jinstema' l-appell tieghu u jigi deciz fil-mertu. Il-limitazzjonijiet fl-Artikolu 419 tal-Kap. 9 huwa intizi mil-ligi ghal skop legittimu imma fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma kienx hemm proprozjonalita` ragjonevoli bejn l-ghan li ried jilhaq b'dan l-artikolu u d-dritt tal-appellant li jkollha access ghall-qorti biex jinstema' l-appell tieghu fil-mertu.

Kif tikteb **Karen Reid** fil-ktieb taghha **'A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights'.** [ 3rd Edition].

"Strict or arbitrary interpretation of procedural rules in rejecting claims, <u>in particular for errors for which the applicants are not to blame,</u> has also disclosed a disproportionate hindrance on access to court". [Page 89]

"Where appeal lies however, procedural rules should not operate or be interpreted so strictly so as to block

effective access. An overly-formalistic approach which prevents the substance of the applicant's Convention complaints being examined may also be incompatible with fairness requirements". [Page 103]. [Ara wkoll sentenza **Sotiris and Nikos Koutras v Greece** 16th November 2000]

F'dan il-kaz ghalhekk kif gie applikat l-Artikolu 419 tal-Kap. 9 fil-kaz tal-appellant jikser id-dritt fondamentali tieghu taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ir-rimedju li ser jinghata hawn taht ghandu jservu bhala 'just satisfaction' ghal lezjoni riskontrata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appell fis-sens biss li tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Norman Lowell** tikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif protetti fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; tirrevoka s-sentenza msemmija u tordna li r-rikorrent jitqieghed fil-pozizzjoni li kien fiha qabel il-15 ta' Ottubru 2008.

Tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu 2008 fl-istess ismijiet.

Tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mir-rikorrent stante li l-incident li ta lok ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali, tal-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) u ta' din il-Qorti, gew provokati mill-fatt illi r-rikorrent ma nizzilx il-"Fatti" kif suppost u lanqas "fil-Qosor" kif tirrikjedi l-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------